A.L. 30 ta' l-1995

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

Ordni ta' l-1995 dwar Dikjarazzjoni ta' Post ta' Detenzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 10 (1) (2), 22(5), 34(1) u 36(1) ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru ta' l-Intern u Żvilupp Soċjali u l-Ministru tal-Ġustizzja għamlu dan l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1995 dwar Dikjarazzjoni ta' Post ta' Detenzjoni. Titolu.

2. Il-post imsemmi fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni huwa b'dan dikjarat li hu post ta' detenzjoni għall-finijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni. Dikjarazzjoni ta' post ta' detenzjoni.

SKEDA

(Artiklu 2)

Il-Kwartieri fil-Kumpless ta' *Special Assignment Group*, Ta' Kandja, limiti tas-Siġġiewi.